MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 524/2017 LM

**Anthony Buttigieg (K.I. 735862M)**

***vs.***

**Brian Baldacchino (K.I. 506875M), u Antoine Baldacchino (K.I. 251382M), u Anthony Baldacchino (K.I. 32255M), ilkoll eżerċenti l-kummerċ f'isem ABS Auto Dealers, Mdina Road u Victory Street, Qormi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-9 ta' Ġunju, 2017 mill-attur **Anthony Buttigieg** (K.I. 735862M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponenti kien għall-ħabta tal-bidu ta' Diċembru tas-sena 2015 xtara mingħand l-intimati jew min minnhom il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AYJ 520 tat-tip BMW 5 Series li l-provenjenza tagħha kienet ġejja mill-Ingilterra.*

2. *Illi n-negozju li kien sar bejn il-kontendenti għall-akkwist ta' din il-vettura kien billi l-esponenti xtara din il-vettura bil-prezz ta' €24,000 li minnhom però ħallas biss €10,000 lill-intimati u kien għaddielhom għal dak li jirrigwarda l-bilanċ ta' €14,000 vettura proprjetà tiegħu bl-istess numru ta' reġistrazzjoni fuq imsemmi, tat-tip BMW 5 Series l-istess bħal dik li akkwista però mudell ta' qabel il-BMW li xtara mingħandhom.*

3. *Illi diversi xhur ilu l-esponenti nnota li tfaċċa xaqq fil-parti tal-mudguard ta' wara tat-tieni BMW maġenb is-saqaf u meta ħadha għand tellar espert dan infurmah illi l-BMW kienet sofriet daqqa ossia ħabta sostanzjali u kellha l-ġenb tan-naħa tax-xellug mibdul meta l-esponenti kien xtara l-BMW mingħand l-intimati bil-kundizzjoni illi din ma kinitx involuta f'xi ħabta konsiderevoli.*

4. *L-istess tellar, meta għamel eżami aktar akkurat informa lill-esponenti illi mhux biss il-vettura kienet involuta f'ħabta kbira iżda wkoll u agħar illi x-xogħol ta' tiswija li sar fuq dan il-ġenb kollu ma kienx sar kont is-sengħa u l-arti billi t-tiswija kienet saret biss fuq parti żgħira tal-ġenb liema parti ġiet imsewwija bir-rivets flok spot welding u minflok inbidlet il-parti li kienet tinvolvi t-tul tal-ġenb kollu tal-karozza inkluż parti mis-saqaf minn dan kollu ma ġara xejn naturalment biex wieħed jiffranka l-flus u jwikki lil min xtara vettura li l-valur tagħha fis-suq minħabba f'hekk ikun ferm inqas milli kieku l-vettura ma kellhiex din id-daqqa kif ukoll anke li kieku l-part kollha ġiet mibdula skont is-sengħa. L-esponenti ġie nfurmat ukoll illi tant kienet kbira d-daqqa li kienet ġarrbet din il-vettura illi saħansitra l-ħġieġ tal-vettura ġew mibdula kollox kif jiġi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

5. *Illi wara li ġie hekk infurmat minn dan it-tellar l-esponenti qabbad surveyor professjonali sabiex dan jikkonferma, o meno, jekk dak li qallu t-tellar kienx minnu u dan mhux biss ikkonferma illi l-karozza kellha daqqa konsiderevoli fuq il-ġenb tax-xellug iżda illi saħansitra kellha wkoll daqqa fuq il-but ta' wara u daqqa oħra fuq il-bieba ta' quddiem tal-passiġġier b'dan illi s-surveyor ikkonferma illi d-daqqa kienet tinvolvi prattikament il-ġenb xellugi kollu minbarra l-but ta' wara.*

6. *Illi għaldaqstant din il-vettura ma kinitx tal-kwalità pattwita u li kieku l-esponenti kien ġie nfurmat qabel ma sar in-negozju, kif kien l-obbligu tal-intimati li jinfurmawh illi l-BMW kienet sofriet ħabta kbira l-esponenti qatt ma kien ser jixtri din il-vettura u anke jekk għall-grazzja tal-argument f'każ li l-intimati semmewlu illi din il-karozza kienet involuta f'inċident kbir huwa ċertament lanqas kien joħlom illi jħallas il-prezz miftiehem f'dan in-negozju fis-somma ta' €24,000.*

7. *Illi mill-fatti fuq esposti għandu jirriżulta kjarament illi mhux biss it-tieni BMW ma kinitx tal-kwalità miftiehma bejn il-kontendenti iżda wkoll li l-kunsens tal-*

*esponenti f'dan in-negozju kien biss minħabba frodi pperpetwata kontra tiegħu mill-esponenti jew min minnhom b'dan illi ai termini tal-Artikoli 974 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jwassal ukoll għan-nullità tal-kuntratt ta' bejgħ/tpartit bejn il-partijiet.*

8. *Illi meta l-esponenti, illi kellu l-konferma li l-karozza kienet involuta f'inċident sostanzjali mar jinforma b'dan lill-intimati dawn ammettew li l-karozza kienet involuta f'inċident serju kif ammettew ukoll illi l-parti intiera li kellha tinbidel fil-fatt ma kinitx mibdula kif kienet tirrikjedi s-sengħa u saħansitra offrewlu li jsewwulu l-karozza a spejjeż tagħhom, spejjeż dawn li jindikaw li jistgħu jlaħħqu mal-€5,000. Meta l-esponenti b'risposta għal din l-offerta indika li l-karozza ma riedhiex huwa ġie offrut li jakkwista mingħandhom vettura Mercedes B Class li kull ma kellha ftit mili però meta ġew għas-si u no dawn marru lura minn kelmithom u għamlu offerta oħra fuq vettura li kienet fix-showroom tagħhom Peugeot 3008 li kellha biss madwar tliet snin kif ukoll vettura oħra li flimkien kellhom l-istess valur ta' €24,000 li kien il-prezz tal-ewwel tpartit.*

9. *Illi però anke f'din l-okkażjoni l-intimati reġgħu marru lura minn kelmthom u kif għamlu fl-ewwel każ tal-Mercedes, u minflok offrewlu ħames vetturi li kienu fuq żaqqhom u ppretendew illi l-esponenti kellu jbaxxi rasu u minflok jakkwista vettura lussuża u vettura waħda jiġi mwikki ħames vetturi qodma u li lanqas biss kienu semmewlu x'tip huma, l-età tagħhom, aħseb u ara kemm urewhomlu. Naturalment l-esponenti rrifjuta din it-tielet offerta u baqa' jinsisti li jreġġa' lura n-negozju, tiġi lilu rritornata l-ewwel BMW u l-ammont ta' €10,000. Ġie nfurmat però li dan ma setax iseħħ il-għaliex l-ewwel BMW tiegħu kienet ġiet mibjugħa lil terzi. In segwitu l-esponenti kien talabhom li jgħaddilhom lura t-tieni BMW u jirċievi mingħandhom flusu lura u jirrinunzja għal kull danni li sofra minħabba l-ingann fuqu perċepit.*

10. *Illi kif jidher l-esponenti għamel minn kollox u dan tul diversi xhur biex jasal għal ftehim raġonevoli sabiex tiġi evitata din il-kawża iżda l-intimati baqgħu intransiġenti u l-esponenti ma kellux triq oħra ħlief li jaġixxi kif qed jaġixxi. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li l-esponenti jirriserva li jressaq waqt it-trattazzjoni tal-kawża, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kunsens tal-esponenti in konnessjoni man-negozju ta' bejgħ/tpartit fuq imsemmi kien ivvizzjat b'għemil doluż da parti tal-intimati jew min minnhom u dan ai termini tal-Artikolu 974 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet fuq imsemmija.*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi ukoll, jekk ikun il-każ illi l-vettura BMW fuq riferita akkwistata mill-esponenti permezz tat-tpartit imsemmi u mingħand l-intimati ma kinitx tal-kwalità mwiegħda u dana ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Konsegwentement tordna x-xoljiment tan-negozju li sar bejn il-kontendenti kif fuq intqal billi l-esponenti jagħżel li jirrifjuta l-imsemmija vettura u jitlob kif qed jagħmel id-danni.*

4. *Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' €24,000 più l-imgħaxijiet fuq din is-somma mid-data tat-tpartit kif fuq intqal sad-data tal-pagament effettiv jew kwalunkwe danni oħra li jiġu llikwidati okkorrendo n-nomina ta' perit espert fil-materja.*

5. *Konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti in linea ta' danni dak l-ammont li jiġi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Mejju 2017 u dawk tal-mandati ta' qbid u sekwestru numri 794/17 u 795/17 u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont ta' €24,000 mid-data tat-tpartit sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Anthony Baldacchino** (K.I. 32255M), **Brian Baldacchino** (K.I. 506875M) u **Antoine Baldacchino** (K.I. 251382M), **ilkoll eżerċenti l-kummerċ f'isem ABS Auto Dealers**, (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), ippreżentata fl-4 ta' Awwissu, 2017, u maħlufa minn Anthony Baldacchino (K.I. 32255M) stess, li biha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti stante l-fatt illi l-attur qed isejjes it-talbiet tiegħu fuq żewġ azzjonijiet totalment kontradittorji u ċioe l-azzjoni ai termini tal-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-attur qed jikkontendi illi l-kunsens tiegħu kien meħud b'għemil doluż u l-azzjoni a bażi tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn permezz t'hekk l-istess attur qed jikkontendi illi l-mobbli li xtara ma kienx tal-kwalità pattwita. Illi tenut timplika li l-bejgħ kien jiswa u li kien ġie finalizzat u min-naħa l-oħra l-azzjoni taħt l-artikolu 974 tirrikjedi illi jiġi dikjarat li qatt ma kien hemm kuntratt għalhekk iwassal illi tali azzjonijiet huma kontradittorji. Illi għalhekk a bażi tal-prinċipju 'selecta un via non datur percursus ad alteram' tali azzjoni għandha tiġi dikjarata mhux proponibbli għaliex hija fiha nnifisha bbażata fuq żewġ azzjonijiet u premessi li*

*huma kompletament kontradittorji għal xulxin u ma jistgħu bl-ebda mod jiġu ppreżentati mill-istess attur, fl-istess kawża.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi anke l-valur mitlub ta' erbgħa u għoxrin elf euro (€24,000) huwa skorrett u dan stante illi l-valur mogħti lill-vettura mertu ta' din il-kawża kien fl-ammont ta' tmintax-il elf euro (€18,000) li tħallset permezz ta' tpartit ma' vettura oħra li kellha valur fl-ammont ta' tmint elef euro (€8000) u fi flus kontanti fl-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000). B'hekk anki t-talbiet attriċi huma esaġerati u mingħajr bażi u għandhom jiġu miċħuda.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost meta l-attur mar sabiex jakkwista l-vettura tal-għamla BMW 5 Series l-esponenti kienu huma stess illi taw parir lill-attur sabiex huwa jmur jiċċekkja kif ukoll jipprova tali vettura qabel ma jieħu deċiżjoni fir-rigward jekk huwa kienx ser jakkwista tali vettura jew le. Infatti l-attur ħa l-vettura kemm għand mechanic kif ukoll għand panel beater sabiex jeżamina l-kundizzjoni tal-istess vettura. Illi iktar minn hekk meta din il-vettura nxtrat l-istess attur li huwa bniedem illi huwa midħla tal-karozzi u li allura kien iċċekkja u spezzjona sew din il-vettura iffirma skrittura li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A' fejn tali skrittura kienet tgħid bl-aktar mod ċar u preċiż illi huwa kien qed jakkwista din il-vettura wara li huwa spezzjona u pprova l-karozza u li kien kuntent b'dak li kien ser jakkwista kif ukoll li huwa kien qed jaċċetta illi tali vettura kien qed jakkwistaha tale quale.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost tali vettura ġiet impurtata Malta nhar is-7 ta' Diċembru 2015 u tali vettura nbiegħet nhar it-18 ta' Diċembru 2015 u ċioe ħdax-il jum wara. Illi f'dawn il-ħdax-il jum l-attur mar iktar minn darba sabiex jara u jispezzjona l-vettura u allura l-istess attur kien ben konsapevoli tal-fatt illi tali vettura kienet għadha kemm tiġi impurtata tant hu hekk illi r-reġistrazzjoni tal-istess vettura kienet saret minnu stess u dan nhar it-22 ta' Diċembru 2015 liema kopja tad-dokument tar-reġistrazzjoni qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B'. Illi l-esponenti qatt ma taw garanzija dwar il-kundizzjoni ta' tali vettura, in fatti, huwa preċiżament għalhekk illi l-attur mar iktar minn darba jipprova tali vettura.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dak li l-attur qed jipprova jagħmel huwa illi jqarraq b'din l-Onorabbli Qorti meta huwa jsostni illi tali vettura nxtrat taħt il-kundizzjoni illi din il-vettura qatt ma kienet involuta f'ħabta. Illi l-esponenti qatt ma taw garanzija dwar tali kundizzjoni in fatti dik kienet preċiżament ir-raġuni*

*għalfejn il-partijiet kollha ħassew li kellhom jiffirmaw skrittura li fiha jiġi ddikjarat illi l-vettura qed tiġi akkwistata tale quale.*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-attur huwa wkoll skorrett ma' din l-Onorabbli Qorti meta jsostni illi l-esponenti kellhom jinfurmawh illi tali vettura kienet sofriet ħabta kif qed jiġi allegat minnu u dan għar-raġuni illi l-esponenti qatt ma kienu a konoxxenza ta' dan il-fatt aħseb u ara kemm kienu ser jagħtu garanzija dwar tali. Illi huwa wkoll kompletament infondat dak li qed jgħid l-attur illi l-istess esponenti ammettew miegħu illi tali vettura kienet involuta f'ħabta u dan għas-sempliċi raġuni illi huma qatt ma kienu jafu b'dan u sal-lum għajr dak li qed isostni l-attur lanqas hemm biss prova ta' dan.*
7. *Illi għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna nbdiet wara li l-attur kien akkwista vettura tal-għamla BMW *Series 5* mingħand il-konvenuti, liema vettura kienet ġiet impurtata mill-

Ingilterra. Il-vettura inkwistjoni diġà kellha ammont sostanzjali ta' mili dakinhar li ġiet akkwistata mill-attur. L-attur jgħid li l-prezz miftiehem bejn il-partijiet għall-akkwist ta' din il-vettura kien ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000), li huwa ħallas b'għaxart elef Euro (€10,000) fi flus kontanti lill-konvenuti, u l-bilanċ tal-prezz dovut tħallas billi l-attur ta bi tpartit lill-konvenuti vettura oħra, ukoll tal-għamla BMW *Series 5*, iżda li kienet il-mudell ta' qabel. L-attur jgħid li xi żmien wara li kien xtara din il-vettura, kien tfaċċa xaqq fil-parti tal-*mudguard* ta' wara tal-vettura, li kien ġibidlu l-attenzjoni dwaru *car wash attendant,* u meta mar għand tellar dan kien qallu li din il-vettura kienet qalgħet daqqa sostanzjali u kellha l-ġenb tax-xellug kollu mibdul. Barra minn hekk l-attur kien ġie infurmat illi x-xogħol ta' tiswija fuq din il-vettura ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti, u minflok tiswija bl-*ispot welding,* kienet saret tiswija bir-*rivets,* u bl-iskop li jiġu ffrankati l-flus, ma kienx sar tibdil tal-partijiet kollha tal-vettura li sofrew ħsara. L-attur sostna li l-valur tal-vettura mixtrija minnu kien ferm inqas milli kieku din ma kellhiex id-daqqa msemmija, jew li kieku x-xogħol ta' tiswija sar skont is-sengħa u l-arti. Huwa qal li wara li ħa opinjoni oħra, huwa kien sar jaf li d-daqqa li sostniet din il-vettura tant kienet kbira, li din saħansitra kellha l-ħġieġ tagħha mibdul. Qal li meta qabbad *surveyor* professjonali, kien sar jaf li l-vettura mhux biss kellha daqqa kbira fuq il-ġenb tax-xellug, iżda wkoll fuq il-*booth* ta' wara, u daqqa kbira fuq il-bieba ta' quddiem tal-passiġġier. L-attur qal li kieku huwa kien jaf qabel b'dawn il-ħsarat, hu ma kienx jixtri din il-vettura u ċertament li ma kienx ser jaqbel li jħallas il-prezz ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000) għax-xiri tagħha. L-attur qal li meta avviċina lill-konvenuti u infurmahom bid-difetti li kien skopra, dawn kienu ammettew li l-vettura inkwistjoni kienet involuta f'inċident, u li x-xogħol ta' tiswija ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti. Żied

jgħid li oriġinarjament il-konvenuti kienu offrewlu li jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa a spejjeż tagħhom, u sussegwentement anki offrewlu vetturi oħra minflok dik akkwistata minnu. L-attur żied jgħid li l-konvenuti bdew jerġgħu lura minn kelmthom kull darba, u meta beda għaddej iż-żmien huwa nsista li jitreġġa' lura n-negozju, billi tiġi ritornata lura lilu l-vettura li hu kien għadda lill-konvenuti bi tpartit, flimkien mal-għaxart elef Euro (€10,000) imħallsa minnu, iżda l-konvenuti kienu infurmawh illi l-BMW li hu kien għaddilhom bi tpartit kienet laħqet inbiegħet lil terzi. Kien hawnhekk li l-attur offra li jrodd lura t-tieni BMW lill-konvenuti, u li jirċievi flusu lura, filwaqt li jirrinunzja għad-danni sofferti minnu. Fit-talbiet tiegħu l-attur talab li l-Qorti tiddikjara li l-kunsens tiegħu b'rabta ma' dan in-negozju kien ivvizzjat minħabba l-għemil doluż tal-konvenuti, u talab ukoll li jiġi dikjarat li l-vettura akkwistata minnu ma kinitx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet. L-attur talab ukoll li l-Qorti tiddikjara x-xoljiment tan-negozju li sar bejn il-partijiet, billi l-attur jirrifjuta l-kunsinna tal-vettura, flimkien ma' talba għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000) u l-imgħaxijiet li ddekorrew fuq dan l-ammont.

Fir-risposta tagħhom il-konvenuti wieġbu li l-azzjoni attriċi ma tistax tiġi proposta b'dan il-mod, għaliex l-attur qiegħed jibbaża ruħu fuq żewġ azzjonijiet kontradittorji, u ċioé l-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili għar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju fil-kunsens, u l-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, peress li l-oġġett tal-bejgħ ma kienx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet. Min-naħa tagħhom il-konvenuti qalu li l-kuntratt ta' bejgħ kien jiswa u kien ġie finalizzat bejn il-partijiet, u li dawn iż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jiġu proposti mill-istess attur fl-istess kawża. Il-konvenuti talbu wkoll lill-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attur minħabba li skont

huma dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u minħabba li l-pretensjonijiet tal-attur huma esaġerati. Il-konvenuti qalu li mhux minnu li l-prezz miftiehem mill-partijiet għall-bejgħ tal-imsemmija vettura kien ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000). Il-konvenuti jgħidu wkoll li qabel ġie finalizzat il-bejgħ, il-konvenuti kienu taw parir lill-attur biex jieħu l-vettura għand *mechanic* sabiex jittestjaha u jiċċekkjaha. Il-konvenuti eċċepew ukoll li bejn il-partijiet kien hemm qbil li l-attur kien qiegħed jixtri din il-vettura *tale quale.* Il-konvenuti qalu wkoll li huma min-naħa tagħhom ma taw ebda garanzija lill-attur dwar il-kundizzjoni tal-vettura, u huma ma setgħux ikunu jafu jekk din il-vettura kinitx involuta f'xi inċident. Qalu wkoll li mhux minnu li huma ammettew mal-attur li din il-vettura kienet involuta f'inċident. In vista ta' dawn l-eċċezzjonijiet, il-konvenuti talbu li l-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-risposta maħlufa tagħhom, il-konvenuti ppreżentaw kopja ta' skrittura li ġiet iffirmata bejn il-partijiet fit-18 ta' Diċembru, 2015[1], fejn l-attur qabel li kien ser jakkwista l-vettura tal-għamla BMW *5 Series tale quale,* u l-bejjiegħa tal-vettura ma kellhomx jinżammu responsabbli għal xi difett moħbi li din seta' kellha. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kopja tal-irċevuta tar-reġistrazzjoni tal-vettura inkwistjoni fuq isem Anthony Buttigieg.[2]

[1] *A fol.* 16 tal-proċess.
[2] *A fol.* 17 tal-proċess.

Permezz ta' nota tal-20 ta' Novembru, 2017, l-attur ippreżenta *survey report* tas-*surveyor* Anthony Mizzi bid-data tas-26 ta' Mejju, 2017[3], fejn ġie ikkonstat illi:

> *"Please be informed that I have inspected BMW 5 Series AYJ-520 bearing chassis no: WBAFW12000CY734550. It shows that this car has been hit on the right hand rear side. To confirm as indicated in photos taken it shows that right hand rear wing has been replaced, evident signs are cracks in welding near windscreen, different sealer method from left hand side and different method of repairs in C post hand rear side. It also shows that the car still has a default on the rear panel where right hand boot adjuster is extended to the last thread. Right hand C post is riveted and sealed differently from left hand side. It is also noted that left hand front door glass has a different serial number from the rest of all glasses and also seems that left hand front door has been sprayed for some reason whatsoever."*

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2017 xehed l-attur **Anthony Buttigieg**[4], li qal li jum fost l-oħrajn hu kien għaddej minn Ħal Qormi fejn kien iltaqa' ma' Antoine Baldacchino, u qallu li ħuh kellu mudell ta' BMW aktar riċenti minn tiegħu, u kien issuġġerielu li jpartat il-vettura li kellu mal-mudell aktar ġdid. L-attur qal li Baldacchino ried erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000) tal-mudell il-ġdid, u l-partijiet ftiehmu fuq somma flus u l-vettura li kellu l-attur dak iż-żmien bi tpartit. L-attur qal li darba fost l-oħrajn kien ħa l-vettura li kien xtara sabiex jaħsilha f'*car wash,* u l-persuna li ħaslitlu l-vettura kienet qaltlu li kellu xaqq fil-ġenb ta' wara. Qal li hu kien mar ikellem lill-konvenut, fejn kien infurmah li l-vettura kellha numru ta' difetti, fosthom xaqq fuq wara u l-ġenb li kien jidher li ġie mibdul, kuntrarjament għal dak li kien qallu l-konvenut qabel xtara l-vettura, li din kienet fi stat 'immakulat'. L-attur qal li dakinhar il-konvenut kien dispost li jbidillu din il-vettura ma' oħra, u oriġinarjament kien wiegħdu li kellha tasallu Mercedes, u li kien ser ikellmu hekk kif din tasal, bil-

[3] *A fol.* 24 tal-proċess.
[4] *A fol.* 26 tal-proċess.

ħsieb li l-attur ikun jista' jieħu lilha minflok il-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri. Madanakollu l-attur sar jaf li din il-vettura wara kienet inbiegħet mill-konvenut lil terz. Żied jgħid li l-konvenut kien qallu wkoll li kien sejjer iġib xi vetturi oħra minn barra, u kien talbu jagħtih ftit ċans, iżda kull darba li l-attur kien imur għand il-konvenut sabiex jara jsibx xi vettura oħra li tgħodd għalih, ma kien isib xejn. L-attur kompla jispjega li l-ewwel darba li kien avviċina lill-konvenut, dan kien qallu li kien dispost jirranġa d-difett li kellha din il-vettura, iżda meta huwa kien mar sabiex jieħu parir mingħand tellar, dan kien qallu li l-vettura kellha l-ġenb kollu mibdul, u kien sar xogħol bir-*rivets* u bil-kolla, u l-faċċata ta' wara tal-vettura ma kinitx twaħħlet tajjeb lanqas. L-attur qal li t-tellar kien infurmah ukoll li parti mill-ħġieġ oriġinali li kellha l-vettura kien inbidel ukoll. Żied jgħid li t-tellar kien qallu li sabiex jinbidel il-ġenb tal-vettura kien meħtieġ ħafna xogħol.

Waqt l-istess udjenza xehdet mart l-attur, **Giovanna Buttigieg**[5], li qalet li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri aktar kienet tinstaq minnha, u hi u r-raġel tagħha kienu ndunaw bid-difetti li fiha l-vettura wara li ħaduha f'*car wash.* Ix-xhud qalet li meta hi u r-raġel tagħha kienu xtraw il-vettura, il-konvenuti kienu qalulhom li din kienet mingħajr difetti, iżda wara kienu saru jafu li din il-vettura kienet involuta f'inċident u d-difetti li kellha ma kinux żgħar. Ix-xhud qalet ukoll li wara li hi u r-raġel tagħha tkellmu ma' wieħed mill-konvenuti, kien hemm proposta li huma jingħataw vettura simili jew ta' valur ekwivalenti, iżda dan in-negozju bejn il-partijiet ma kienx irnexxa. Ix-xhud qalet li l-vettura inkwistjoni għadha fit-triq u għadha tinstaq minnha u mir-raġel tagħha.

---

[5] *A fol.* 29 tal-proċess.

L-espert tekniku maħtur mill-Qorti, il-**PL Quentin Tanti**, ippreżenta r-relazzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-12 ta' April, 2018[6], fejn qal li huwa kien eżamina l-vettura inkwistjoni fejn kienet ipparkjata fi triq quddiem ir-residenza tal-attur. L-espert tekniku ġudizzjarju kkonstata li minkejja li mad-daqqa t'għajn il-vettura tidher li hija f'kundizzjoni tajba, meta wieħed jifliha mill-qrib jinduna li pereżempju l-*bonnet* tagħha hu sprejjat bi *spray* li mhux dak li ħarġet bih mill-fabbrika, u dan joħroġ ċar mill-fatt li dan l-i*spray* hu skars u nieqes mil-luċidità. Qal li l-istess jista' jingħad għall-*mudguard/wing* ta' quddiem tan-naħa tal-lemin, kif ukoll għall-bibien tan-naħa tal-lemin u l-*mudguard/wing* ta' wara, flimkien mal-*bumper* ta' quddiem u ta' wara. Ix-xhud qal li waqt l-ewwel aċċess, hu beda jispezzjona l-vettura minn barra, u seta' jiffoka fuq parti mill-vettura magħrufa bħala *C pillar,* fejn seta' jara li s-*C pillar* tan-naħa tal-lemin kellu qasma fl-i*spray* fil-wisgħa tiegħu kollu, liema qasma tibqa' nieżla ġewwa l-kument, u din il-qasma hija viżibbli hekk kif wieħed jiftaħ il-bieba ta' wara. Ix-xhud qal ukoll li din il-qasma hija evidenza ta' intervent ta' tiswija, jew ġiuntura fil-pannelli tal-*body* tal-vettura. L-espert tekniku ġudizzjarju qal li meta sab din il-qasma, huwa għamel investigazzjoni aktar approfondita tal-vettura, u meta żarma r-*rubber moulding* tal-bieba tal-passiġġier, u s-*side skirt* tal-plastik, sab li kien sar użu minn *blind rivets* sabiex iż-żewġ pannelli twaħħlu flimkien. Qal li din it-tip ta' ħsara normalment tiġri wara li l-vettura tkun involuta f'impatt laterali. Ix-xhud qal li anki wara li eżamina l-*luggage booth,* sab li kien hemm iżjed partijiet f'din il-vettura fejn sar użu mir-*rivets* u *bonding adhesive.* Ix-xhud qal li huwa għamel spezzjoni wkoll tal-parti interna tad-*door sill/running board* li jiġi direttament taħt il-bieba ta' wara tal-lemin, bl-użu ta' *micro camera* sabiex ikun jista' jara dan il-kompartiment kif jidher minn

[6] *A fol.* 52 tal-proċess.

ġewwa, u hemmhekk irriżultalu li fuq dan il-kompartiment sar xogħol ta' tiswija tar-*right quarter panel/mudguard* b'sistema ta' *rivets/bonding agent/adhesive.* Ix-xhud spjega li l-użu tar-*rivets* biex isir xogħol ta' tagħqid tal-pannelli tal-vetturi hija prattika li qiegħda żżid fil-popolarità, u bħala prattika din għandha l-vantaġġi tagħha għaliex meta wieħed jirrimpjazza *panel* b'dan il-mod, ikun qiegħed jevita li jagħmel użu mill-*welding*. Qal iżda li f'dan il-każ il-mod kif sar ix-xogħol, ta lok għall-iżvilupp ta' xaqq fis-*C pillar,* u dan ix-xaqq jindika li l-ġiuntura taż-żewġ pannelli li ġew magħquda, mhijiex waħda soda, bir-riżultat li nqasmet iż-żebgħa u bdiet l-infiltrazzjoni tal-ilma, li tista' twassal għall-iżvilupp tas-sadid.

Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, l-espert tekniku ġudizzjarju Quentin Tanti qal li seta' jikkonstata li kien hemm tiswija ta' ħsara fuq il-parti tal-lemin tal-vettura, u din it-tiswija ġiet eżegwita b'sistema ta' *rivets* u *bonding agent/body adhesive* u *reinforcing plates.* L-espert tekniku ġudizzjarju żied jgħid li huwa kien ikkonstata li l-*mudguard* ta' wara wkoll kien inbidel bl-użu tar-*rivets* u l-kolla, fejn il-*mudguard* oriġinali ġie maqtugħ minn tliet punti u l-*mudguard* il-ġdid twaħħal mal-kumplament tal-vettura mill-istess tliet punti. Qal li dan il-metodu ta' tiswija falla f'dan il-każ partikolari għaliex il-mod kif sar wassal għal qsim fiż-żebgħa, u diġà qegħdin jidhru s-sinjali tas-sadid minħabba fl-infiltrazzjoni tal-ilma. L-espert tekniku ġudizzjarju kkonstata wkoll li l-ġenb tal-lemin tal-vettura, il-*bonnet* ta' quddiem, il-*bumper* ta' quddiem u l-*bumper* ta' wara tal-vettura kienu ġew sprejjati mill-ġdid. L-espert tekniku ġudizzjarju għamel ukoll eżami komparattiv tal-valur ta' vetturi simili u qal li tenut kont tal-mudell, il-fatt li l-vettura inkwistjoni ġiet impurtata mill-Ingilterra, il-kilometraġġ tagħha li huwa ta' 112,319 mil, u li l-kundizzjoni tal-vettura hija waħda tali fejn din sofriet ħsara fil-*mudguard* ta' wara, u saret tiswija li wkoll

ħalliet id-difetti tagħha, il-valur attwali tal-vettura jekwivali għal bejn €5,224 u €6,966.

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2019 xehed il-konvenut **Brian Baldacchino**[7], li qal li l-vettura inkwistjoni waslet Malta fis-7 ta' Diċembru, 2015, u dakinhar stess li l-vettura ttellgħet mix-Xatt, kien mar għandu l-attur u staqsieh jekk kellux xi vettura tal-għamla BMW għall-bejgħ aktar moderna minn dik li kellu hu. Spjega li dak il-ħin huwa kien qal lill-attur li kien għadu kemm tella' vettura mix-Xatt u li ma kienx għadu raha sew, iżda kien qal lill-attur li seta' jmur jaraha. Il-konvenut qal li l-attur u l-mara tiegħu hekk għamlu, u damu madwar nofs siegħa jiftħu l-bibien u jaraw il-vettura f'liema kundizzjoni kienet, u huwa informa lill-attur li kien qiegħed jitlob ħlas ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) għal din il-vettura. Qal ukoll li l-vettura kellha mija u tmenin elf kilometru (180,000 km). Il-konvenut Brian Baldacchino qal li wara li l-attur kien fela sew il-vettura, dan kien qallu li ser jerġa' jkellmu dwarha għaliex dak il-ħin ħass li l-vettura kellha ħafna kilometri. Brian Baldacchino qal li l-attur kien reġa' mar jara l-vettura xi jumejn wara, u kien qallu li xtaq jeħodha għand *mechanic* jew *panel beater.* Il-konvenut qal li wara li l-attur kien mar jiċċekkja l-vettura fejn xtaq hu, huwa kien ikkonfermalu li l-magna kienet qiegħda taħdem tajjeb. Żied jgħid li minkejja li huwa talab il-prezz ta' tmintax-il elf euro (€18,000) għall-vettura, kien wasal f'arranġament mal-attur li dan iħallilu l-vettura tiegħu, u jħallsu għaxart elef Euro (€10,000) għall-vettura inkwistjoni. Il-konvenut qal li fit-18 ta' Diċembru, 2015 hu u l-attur kienu ffirmaw skrittura bid-dettalji tan-negozju li kienu ser jagħmlu b'din il-vettura, u żied li l-vettura ġiet irreġistrata f'Malta fit-22 ta' Diċembru, 2015, u kienet ġiet irreġistrata f'isem l-attur mill-ewwel. Il-konvenut qal li mhux minnu li hu u l-attur ftiehmu fuq prezz ta'

---

[7] *A fol.* 108 tal-proċess.

erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000) għaliex din il-vettura kienet ħadmet ħafna, u l-mudell tal-vettura inkwistjoni ma kienx l-aktar wieħed sofistikat. Il-konvenut Brian Baldacchino qal li l-vettura li kellu l-attur huwa kien biegħha fl-4 ta' Frar, 2016 lil ċertu Darrell Micallef bil-prezz ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500).[8] Il-konvenut qal li kienu għaddew madwar tmien xhur meta reġa' mar għandu l-attur u kien qallu li kien ħareġ xaqq fuq il-*mudguard* ta' wara tal-vettura, u dak il-ħin huwa kien wieġeb lill-attur li dawn l-affarijiet huma normali u wieħed jistennihom f'vettura li għandha daqstant kilometri fuqha. Żied jgħid li dak il-ħin l-attur talbu jerġa' jpartatlu l-vettura jew jgħinu jirranġaha, iżda x-xhud kien irrifjuta. Qal li wara li għaddew madwar tliet xhur oħra, reġa' kkuntattjah l-attur li qallu li l-magna tal-vettura kienet inkisret. Ix-xhud qal li dak il-ħin staqsieh jekk kienx għamel *service* tajjeb tal-vettura, u l-attur kien qallu li kien għamlilha *service,* iżda li t-*timing chain* ma kinitx inbidlet, u għalhekk kien talab lix-xhud jgħinu jsib magna ġdida. Ix-xhud żied jgħid li l-magna tal-vettura kienet imkissra kollha minn ġewwa, u l-attur kien qallu li żgur li kien ser ikollu jbiegħ il-vettura minħabba f'hekk. Żied jgħid li l-attur talbu jgħinu biex ibiegħ il-vettura, iżda x-xhud kien irrifjuta, anki għaliex kien hemm drabi meta l-attur kien qallu li ġieli biegħ vetturi minn fuq l-idejn. Ix-xhud qal li wara li nfetħet din il-kawża, ġieli kien ra l-vettura inkwistjoni qiegħda tinstaq kemm mill-attur, kif ukoll mill-mara tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2019 xehdet **Karen Cremona**, in rappreżentanza tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta[9], li qalet li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AYG520 (mudell BMW 520D SC) kienet ġiet reġistrata fuq isem Anthony Buttigieg fil-21 ta' Diċembru, 2015, u skont ir-*records* li għandha l-

[8] *A fol.* 116 tal-proċess.
[9] *A fol.* 121 tal-proċess.

imsemmija Awtorità, jidher li kien Anthony Buttigieg li importa l-istess vettura fis-7 ta' Diċembru, 2015. Ix-xhud qalet li f'każ li kien hemm xi *dealer* involut, l-Awtorità ma tkunx infurmata b'dan. Ix-xhud qalet li fit-18 ta' Diċembru, 2015 kienet saret spezzjoni tal-vettura, u kien irriżulta li din kellha 112,314 mil.[10]

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2019 xehed il-konvenut **Brian Baldacchino**[11], li spjega li l-vettura ġiet impurtata minn ċertu Adam Cini, kif jidher mid-dokumenti ppreżentati mix-xhud Karen Cremona, u ismu ma jidher imkien fuq dawn id-dokumenti peress li l-vettura nxtrat mill-attur mill-ewwel. Ix-xhud qal li kien hu li ta d-dettalji tal-attur lil Adam Cini, u kien hu li ħa ħsieb li jirreġistra din il-vettura ma' Transport Malta f'isem l-attur.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2019 sar il-kontroeżami tal-attur[12], li qal li l-ewwel darba li kien ikellem lill-konvenut dwar il-vettura inkwistjoni, dan kien qallu li kellu żewġ persuni ta' nazzjonalità barranija interessati f'din il-vettura, u kien ser jerġa' jkellmu lura f'każ li dawn ma jibqgħux interessati.[13] Żied jgħid li bejn dakinhar li kellem lill-konvenut l-ewwel darba, u meta l-partijiet reġgħu tkellmu dwar il-vettura, kienet għaddiet xi ġimgħa, u bejn dakinhar u l-ġurnata meta xtara l-vettura reġgħu għaddew madwar tlieta jew erbat ijiem. L-attur qal li l-ewwel darba li kien kellem lill-konvenut dwar il-problemi li kellha l-vettura, dan kien qallu li kien lest li jpartathielu, u kien anki wrieh xi mudelli oħra ta' BMWs, iżda dawn kienu aktar antiki mill-mudell li kellu l-attur, għalhekk huwa kien informa lil Baldacchino li ma kienx interessat fihom. L-attur qal li waqt li kien qiegħed jipprova jinnegozja ma' Brian Baldacchino,

[10] Dokumenti ppreżentati mix-xhud b'rabta mal-importazzjoni tal-vettura u r-reġistrazzjoni tagħha mal-Awtorità, *a fol.* 125 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 131 tal-proċess.
[12] *A fol.* 134 tal-proċess.
[13] Fi kliem l-attur: "jiena mort hemmhekk, għidtlu bagħtni ħuk, għidtlu għandek xi BMW, qalli li għandek BWM immakulat. Qalli iva dan il-griż. Hemm tnejn *foreigners,* jekk ma jeħduhx huma nitkellmu fuqu."

kienu ssemmew Mercedes u Peugeot bi tpartit mal-vettura inkwistjoni, iżda dan in-negozju qatt ma seħħ. Qal ukoll li huwa ma kienx ra l-vetturi l-oħra.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2019, sar il-kontroeżami tal-konvenut **Brian Baldacchino**[14], li qal li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri ma kinitx l-ewwel vettura li l-attur akkwista mingħandu. Ix-xhud qal ukoll li l-ewwel darba li l-attur mar ikellmu fuq din il-vettura, dan kien akkumpanjat minn martu. Dakinhar l-attur u martu għamlu madwar nofs siegħa jduru mal-istess vettura biex jifluha. L-attur kien mar xi żewġt idrabi biex jara din il-vettura waħdu u kien ukoll ħadha għand *mechanic* u *panel beater.* Brian Baldacchino ikkonferma li kien ra lill-attur idur mal-vettura, u dan ma qala' l-ebda biċċa minnha jew it-tapit tal-bagoll biex jara x'kien fiha fil-*body* tagħha. Ix-xhud qal li kien ta l-vettura lill-attur biex jagħmel *trial run* biha u huwa ma kienx mar miegħu dak il-ħin. Il-konvenut qal li hu sar jaf li l-attur mar bil-vettura għand *mechanic* għaliex kien qallu l-attur stess, u mhux għax kien mar miegħu. Il-konvenut ċaħad li dakinhar li sar it-*trial run* bil-vettura huwa kien rikeb mal-attur. Ix-xhud sostna wkoll li l-prezz maqbul bejn il-partijiet kien ta' tmintax-il elf Euro, u l-attur kien ħallsu s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) għax-xiri ta' din il-vettura, filwaqt li kien tah ukoll il-vettura tiegħu bi tpartit. Qal ukoll li ma jistax ikun li l-vettura inkwistjoni kienet tiswa erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000) kif qiegħed jallega l-attur, għaliex din il-vettura kienet waħda bażika u kienet għamlet ħafna mili. Qal li mal-prezz tat-tmintax-il elf Euro (€18,000) miftiehem kien hemm kollox inkluż, fosthom ir-reġistrazzjoni, in-*number plates,* u l-ispejjeż marbuta mal-importazzjoni tal-vettura. Ix-xhud qal li jekk huwa minnu li l-vettura inkwistjoni kienet involuta f'inċident kbir kif qiegħed

[14] *A fol.* 138 tal-proċess.

jallega l-attur, din il-vettura kienet tiġi skrappjata mill-ewwel. Qal li huwa normali li vettura li tkun għamlet daqstant mili, tkun sofriet xi ħsarat, jew ikollha l-*mudguard* mibdul. Il-konvenut qal li l-ewwel darba li nforma lill-attur li t-*timing chain* tal-vettura kellha tinbidel, kien meta bdew il-problemi bil-vettura. Il-konvenut qal ukoll li l-ewwel darba li mar ikellmu l-attur minħabba problemi b'din il-vettura kien madwar tmien xhur wara li l-attur kien xtara l-vettura, u l-attur kien reġa' mar ikellmu meta splodiet il-magna tal-vettura madwar sena wara l-bejgħ tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Permezz tal-azzjoni tiegħu l-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tiddikjara x-xoljiment tan-negozju li sar bejn il-partijiet, minħabba f'vizzju tal-kunsens tal-attur li huwa jallega li nkiseb b'qerq mill-konvenuti jew min minnhom. L-attur qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-oġġett mibjugħ lilu ma kienx tal-kwalità pattwita. L-attur qiegħed jitlob ukoll li din il-Qorti tillikwida d-danni talvolta dovuti lilu, u tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tal-istess.

Il-Qorti sejra qabel kull ħaġa oħra tgħaddi biex tindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti, li eċċepew li l-attur naqas milli jiċċara liema hija proprjament l-azzjoni promossa minnu bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri, u sa fejn l-attur qiegħed jibbaża ruħu fuq żewġ azzjonijiet kontradittorji, it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

Mill-provi jirriżulta li wara li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri kienet ilha fil-pussess tal-attur għal xi xhur, dan sar jaf li fuq din il-vettura saru għadd ta' modifiki u tiswijiet, li ma sarux skont is-sengħa u l-arti, liema tiswijiet kienu

saru wara li l-vettura inkwistjoni kienet involuta f'ħabta li l-impatt tagħha kien wieħed sostanzjali. Fost affarijiet oħra rriżulta li parti mill-ħġieġ oriġinali ta' din il-vettura kien ġie mibdul, u l-vettura kienet ġiet ukoll sprejjata b'mod li kien sostanzjalment differenti mill-*ispray* tal-fabbrika. Kien sar ukoll tibdil ta' partijiet mill-vettura permezz ta' sistema ta' *riveting* u kolla minflok bil-*welding,* u minkejja li din is-sistema hija waħda li tintuża ħafna fl-industrija tat-tiswija tal-vetturi, irriżulta li x-xogħol f'dan il-każ ma sarx kif suppost u minħabba f'hekk żviluppaw xquq tul il-*body* tal-vettura li wasslu għall-perkolazzjoni tal-ilma u b'hekk jista' saħansitra jiżviluppa fiha s-sadid.

L-attur qal li huwa kien xtara din il-vettura wara li kien iltaqa' ma' ħu Brian Baldacchino, Antoine, u dan qallu li ħuh kien għadu kif ġab vettura tal-għamla BMW li kienet mudell aktar riċenti minn dik li kellu l-attur dak iż-żmien. L-attur qal li meta mar jara din il-vettura, il-konvenut kien qallu li kien hemm xi persuni interessati fiha, imma f'każ li l-vettura tibqa' ma tinbiegħx, kien ser ikellmu. Din il-verżjoni tal-fatti tikkontrasta mal-verżjoni mogħtija mill-konvenut Baldacchino, li qal li meta l-attur mar biex jara l-vettura din kienet għadha kif waslet Malta u ttellgħet mix-Xatt, u fil-fatt hu kien qal lill-attur li kien akkumpanjat minn martu, sabiex jeżaminaha mingħajr ma kien flieha hu qabel. L-attur jgħid li huwa kien xtara din il-vettura bil-prezz ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000) billi ħallas s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) fi flus kontanti lill-konvenut, u l-kumplament paċihom billi ħalla mal-konvenut il-vettura tiegħu, ukoll tal-għamla BMW, sabiex dan ikun jista' jbiegħha. Lanqas dwar il-prezz tal-bejgħ pattwit m'hemm qbil bejn il-partijiet, bil-konvenut Brian Baldacchino jgħid li l-prezz miftiehem bejn il-partijiet għall-bejgħ ta' din il-vettura li kien ta' tmintax-il elf Euro (€18,000), li tħallsu lilu kwantu għal għaxart elef Euro (€10,000) fi flus, u l-kumplament bit-tpartit

mal-vettura li kellu l-attur dak iż-żmien. Il-konvenut Brian Baldacchino jinsisti li l-vettura li biegħ lill-attur ma kinitx tiswa erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000), iżda tmintax-il elf Euro (€18,000), anki għaliex il-mudell tal-vettura li xtara l-attur ma kienx wieħed daqstant sofistikat, u l-vettura kellha wkoll fuqha għadd sostanzjali ta' mili.

L-attur jgħid li huwa sar jaf li l-vettura li kien xtara mingħand il-konvenuti kellha għadd ta' difetti, wara li kien ġibidlu l-attenzjoni dwar dan *car wash attendant* li kien osserva li l-vettura kellha xi partijiet minnha mibdulin. L-attur qal li meta ħa l-vettura għand *surveyor* professjonali, dan kien ġibidlu l-attenzjoni li l-vettura kienet għaddiet minn diversi tiswijiet, liema tiswijiet ma kinux saru skont is-sengħa. Fost id-difetti li setgħu jiġu osservati kien hemm xquq evidenti viċin il-*windscreen,* il-metodu tas-*sealing* li ntuża kien differenti minn dak li l-vettura ħarġet bih oriġinarjament, kien hemm ħġieġ oriġinali li ġie mibdul, u l-għoti ta' *spray* b'mod li kien evidenti li l-vettura ma kinitx għadha bl-*ispray* tal-fabbrika. L-attur jgħid li meta xtara l-vettura mingħand il-konvenut Brian Baldacchino, dan kien wiegħdu li l-vettura kienet fi stat 'immakulat', u meta skopra li l-vettura inkwistjoni kellha għadd ta' difetti, huwa kien avviċina lill-konvenut, li min-naħa tiegħu kien qabel li kellu jibdillu l-vettura ma' xi mudell ieħor, u fost dawn l-attur isemmi Mercedes u Peugeot. L-attur jgħid ukoll li n-negozju dwar dawn il-vetturi l-oħra, baqa' qatt ma ġie konkluż. Il-konvenut Brian Baldacchino jgħid li dan mhux minnu, u hu la qatt wiegħed lill-attur li kien ser jgħinu jirranġa l-vettura u lanqas ma wiegħdu li kien ser ibidillu l-vettura ma' xi mudell ieħor. Il-konvenut qal li l-ewwel darba li l-attur mar ikellmu dwar id-difetti li kien sab fil-vettura kien madwar tmien xhur wara l-bejgħ tagħha, u madwar sena wara l-bejgħ, l-attur kien reġa' mar ikellmu għax skont hu kienet splodielu l-magna tal-vettura. Skont il-konvenut

dan seħħ għaliex l-attur kien naqas li jsewwi t-*timing chain* tal-vettura meta kien xtraha, proċess li kellu jsir l-aktar minħabba li l-vettura kellha ammont sostanzjali ta' mili. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu qal ukoll li hu kien ta l-vettura lill-attur sabiex jagħmel *trial run* biha qabel ġie konkluż in-negozju bejn il-partijiet, u l-attur kien mar bil-vettura għand *panel beater* u għand *mechanic* qabel ġie konkluż il-bejgħ bejn il-partijiet. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-vettura li l-attur ta bi tpartit lill-konvenut kienet inbiegħet lil terzi bil-prezz ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500), u għalhekk waħda mid-diffikultajiet li kien ser ikollhom il-partijiet biex ireġġgħu lura n-negozju, kienet li l-vettura li l-attur ikkonsenja bi tpartit lill-konvenut Brian Baldacchino, kienet ġiet ittrasferita lil terzi.

Il-Qorti tirrileva li qabel tagħrbel il-provi miġjuba quddiemha, għandha fl-ewwel lok tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti. Il-liġi titlob li r-Rikors Maħluf imressaq minn parti attriċi f'kawża jkollu fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, b'tali mod li l-premessi fir-rikors maħluf ikunu jistgħu jwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jasal għal rabta bejn il-premessi u t-talbiet tal-attur. Ir-rikors u l-pretensjonijiet tal-parti attriċi jridu jkunu ċari wkoll għall-benefiċċju tal-konvenut, li jrid ikun kapaċi jsejjes id-difiża tiegħu abbażi tat-talbiet kif ippostulati. Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għal dak li ntqal f'deċiżjoni fl-ismijiet **Victoria Lorraine sive Victoria Bonnici *vs* Silvio Demicoli et**[15]:

> "Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem

[15] P.A., 04.12.2014.

l-intenzjoni ta' min ħarrikha[16] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur.[17]

...

Illi ta' min jgħid li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullità tal-att promutur ta' kawża fuq il-bażi tal-**kontradittorjetà tal-kawżali u t-talbiet infushom**, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li waħda teskludi lill-oħra.[18] Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis Rikors Maħluf bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet.[19] Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors Maħluf ikun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi issa xieraq li wieħed jara jekk jinħoloqx nullità fejn żewġ talbiet ġuridikament distinti jitressqu f'kawża waħda u sa liema limitu jista' jsir dan bla ma jkun qiegħed jinkiser dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.[20] Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, joħroġ ċar illi (i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża bili jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dik il-ħaġa; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) it-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-Rikors Maħluf; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża;[21]

Illi jrid jingħad li kawża għal tħassir ta' kuntratt (ta' xiri u bejgħ) minħabba vizzju tal-kunsens jew minħabba qerq jew frodi (art. 1212, 1424, jew 1440 tal-Kap. 16) hija msejsa fuq bażi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ ta' xi ħaġa li jingħad li ma tkunx tal-kwalità miftehma (art. 1390 tal-Kap. 16) jew li tkun milquta minn difetti mistura (art. 1424 u 1427 tal-Kap. 16). Dan jidher mhux biss mir-rimedju differenti mogħti mil-liġi fil-każ il-wieħed u l-ieħor, iżda, wisq iżjed sinifikattivament, mill-għamla u l-grad tal-provi meħtieġa biex wieħed isostni l-azzjoni waħda jew l-oħra;[22]".

Fis-sentenza suċitata l-Qorti qieset ukoll li kien ferm diffiċli li jiġi determinat *a priori* liema kienu dawk l-azzjonijiet multipli li ma setgħux jitressqu flimkien, u

[16] P.A., 14.02.1967 fil-kawża fl-ismijiet **J.G. Coleiro *vs* Dr J. Ellul** (Kollez. Vol. LI.ii.779).
[17] App. Kumm. 20.01.1986 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Bonnici *vs* Eucharistico Zammit noe et.**
[18] Ara, per eżempju, Kumm. 09.01.1995, fil-kawża fl-ismijiet **Aquilina et *vs* Ruggier noe** (Kollezz. Vol. LXXIX.iv.1334).
[19] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 6.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Zammit et *vs* Zammit Tabona noe et** (Kollez. Vol. LXXX.i.454).
[20] App. Ċiv. 12.5.1998, fil-kawża fl-ismijiet **M. Attard noe *vs* R. Galea** (mhix pubblikata).
[21] App. Ċiv. 30.03.1998, fil-kawża fl-ismijiet **Ray Bezzina *vs* Anthony Galea** (mhix pubblikata).
[22] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet **Cassar Aveta noe *vs* Gatt** (Kollez. Vol. LXXXII.ii.1274).

l-Qorti rrakkomandat li l-kwistjoni ta' azzjonijiet li ma jistgħux jitressqu fl-istess kawża hija waħda li għandha tiġi determinata minn każ għal każ, u dan minkejja li jeżistu regoli ġenerali dwar uħud mill-azzjonijiet li jeskludu lil xulxin, bħalma huma l-azzjoni petitorja u l-azzjoni possessorja, jew l-azzjoni għar-reintegrazzjoni fil-pussess u l-azzjoni għaż-żamma fil-pussess. B'riferiment speċifiku għall-fatti tal-kawża deċiża bis-sentenza suċitata, li din il-Qorti qiegħda tiċċita estensivament minnha minħabba r-rilevanza għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, il-Qorti kompliet tgħid hekk:

"Illi l-azzjoni li din il-Qorti għandha quddiemha llum fiha tismija speċifika għal żewġ għamliet ta' ilmenti (u għalhekk żewġ suriet ta' azzjoni) li jista' jqajjem ix-xerrej kontra l-bejjiegħ. Jekk wieħed jara t-tieni, it-tielet u l-ħames premessi tar-Rikors Maħluf, wieħed isib riferenzi għal difetti mistura fil-bini mixtri. Minn qari tagħhom, wieħed jaħseb li l-azzjoni attriċi hija dik redibitorja u f'dan il-każ, ma jidher ebda element ta' vizzju tal-kunsens. Filwaqt li qari tar-raba' premessa titfa' l-kwestjoni fuq il-qerq imwettaq mill-imħarrkin bejjiegħa, li jirreferi għal ċirkostanza fejn fiż-żmien li sar il-kuntratt attakkat mill-atturi f'din il-kawża, kien hemm kawża oħra dwar allegati ħsarat li ġraw fil-blokka tal-appartamenti minħabba xi żvilupp li kien sar snin qabel f'sit li jmiss magħha. Dak li joħloq it-tfixkil f'din il-kawża tallum hu l-fatt li l-atturi ressqu talbiet kumulattivi (u mhux alternattivi) li fihom jinsabu elementi apparenti taż-żewġ suriet ta' azzjoni u li l-istess azzjonijiet qegħdin jitmexxew f'nifs wieħed u f'daqqa;

Illi ma hemm ebda dubju li, minkejja x-xejriet x'aktarx prattiċi u utilitarji li l-qrati jidher li jieħdu biex, kemm jista' jkun, kawża tkun salvata u azzjoni titqies fil-merti sewwa tagħha, jibqa' dejjem il-fatt li l-liġi għandha tagħraf xi azzjonijiet li ma jistgħux joqogħdu flimkien. Il-parti attriċi ma jindaħlilha ħadd fl-għażla tagħha liema azzjoni trid tmexxi 'l quddiem, iżda hemm għażliet li ma jħallux lil dik il-parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi ħaġa tajba toħroġ minnha. Hekk, fil-qasam tal-liġi tal-kuntratt ta' xiri u bejgħ, huwa miżmum li xerrej ma jistax imexxi 'l quddiem l-azzjoni redibitorja u estimatorja fl-istess nifs.[23] Daqstant ieħor il-qrati għarfu l-effetti u d-differenzi bejn azzjoni mibdija taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili u oħra mibdija taħt l-artikolu 1242 tal-istess Kodiċi;"[24]

[23] App. Inf. 24.1.2007, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Baldacchino *vs* George Mifsud et**.
[24] App. Ċiv. 15.12.1997 fil-kawża fl-ismijiet **Rizzo noe *vs.* Zammit** (Kollezz. Vol. LXXXI.ii.944), li kienet tirreferi għal liema żmien preksrittiv kienet suġġetta l-azzjoni mibdija mill-attur appellant.

Il-Qorti tirrileva li minn qari akkurat tat-talbiet kif imressqa mill-attur f'din il-kawża, jidher ċar li fl-ewwel talba tiegħu l-attur jindika li qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq vizzju tal-kunsens minħabba fl-għemil allegatament doluż tal-konvenuti, u f'dak ir-rigward qiegħed jippretendi li l-Qorti tirrexxindi l-bejgħ li sar bejn il-partijiet. Mill-banda l-oħra fit-tieni talba tiegħu l-attur jagħmel riferiment għal difetti moħbija u għall-fatt li l-oġġett lilu mibjugħ ma kienx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet. F'każ li tiġi milqugħa t-tieni talba, ir-rimedji għad-dispożizzjoni tal-attur jista' jvarjaw bejn li jirrifjuta l-vettura u jitlob id-danni kkawżati lilu, jew inkella li jirċievi l-vettura bi prezz mnqqas wara stima ta' perit f'dan ir-rigward. Fit-tielet talba tiegħu l-attur jindika li dak li qiegħed jippretendi b'din l-azzjoni mressqa minnu, huwa li l-Qorti xxolji dan in-negozju billi jkun hemm radd lura tal-vettura mixtrija mill-attur, u billi l-konvenuti jiġu ordnati jħallsuh danni ekwivalenti għall-prezz tal-vettura, li l-attur jgħid li kien ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000), u dan f'kuntest fejn il-partijiet f'din il-kawża lanqas dwar il-prezz tal-bejgħ tal-vettura ma qablu bejniethom fil-verżjonijiet li huma taw tal-fatti. Għall-Qorti huwa ċar li minkejja li l-attur irid jasal għax-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ, l-azzjoni kif imressqa u t-talbiet kif ġew ippostulati, ma jistgħux ireġu flimkien. Din il-Qorti ttenni, kif diġà kellha l-opportunità tisħaq kemm-il darba, li sa fejn huwa possibbli, att ġudizzjarju għandu jiġi salvat u kawża għandha titħalla timxi għall-ġudizzju bil-għan li l-partijiet jieħdu dak li ħaqqhom. Iżda f'dan il-każ il-kontradittorjetà fit-talbiet hija tali li ttellef lill-Qorti fl-analiżi tal-provi li trid tagħmel biex tasal għad-determinazzjoni tal-kawża in linea mal-premessi u t-talbiet kif imressqa mill-attur.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti, għaliex issib li din hija mistħoqqa.

__Decide__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-attur fl-intier tagħhom.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**